MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 189/2013

**Eleven Eighty Eight Limited (C19763)**

***kontra***

**Darren Debono (ID 49474M) f`ismu propriju u kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta` ADJ Swordfish Limited (C41310)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li Darren Debono pro et noe ["l-esekutati"] ipprezentaw fis-26 ta` Frar 2013 li] fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati u spjegati, talbu lil din il-Qorti sabiex –

*1. Tiddikjara illi ai termini ta` l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta l-ammont mitlub mis-socjeta` sekwestranta mhuwiex prima facie gustifikat ;*

*2. Tiddikjara illi ai termini ta` l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh kontrih l-mandat ta` sekwestru surreferit ;*

*3. Tirrevoka l-imsemmi mandat ta` sekwestru kawtelatorju b`effett immedjat ;*

*4. Tiddikjara illi t-talba tas-socjeta` sekwestranta ghall-hrug ta` dan il-mandat hija wahda malizzjuza, frivola u vessatorja ;*

*5. Tikkundanna lis-socjeta` sekwestanta thallas lir-rikorrenti prorio et nomine penali ta` mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) u mhux izjed minn sitt elef disgha mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (€6,988.12).*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati flimkien mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta` Frar 2013.

Rat illi ghalkemm il-kumpannija Eleven Eighty Eight Limited [“l-esekutanti”] kienet notifikata <u>skond il-ligi</u> bir-rikors promotorju, hija naqset milli tipprezenta risposta.

Rat l-atti l-ohra ta` dan il-procediment.

**Ikkunsidrat :**

## II. **Risultanzi**

Meta l-esekutat li kontrih ikun inhareg u gie esegwit att kawtelatorju jipprocedi skond l-**Art 836(1) tal-Kap.12** sabiex jitlob ir-revoka *in toto* jew *in parte* tal-att, huwa obbligat iressaq it-talba tieghu permezz ta’ rikors u jsostni t-talba skond xi wahda mir-ragunijiet li huma elenkati minn paragrafi (a) sa (f) tal-istess Art.836(1).

L-esami li trid taghmel il-Qorti huwa dak biss ta’ *prima facie* ghaliex il-mertu kollu jigi trattat u deciz fil-kawza ta` bejn il-partijiet. Ghalhekk hemm limitazzjoni sinjifikanti fl-ezami li trid taghmel din il-Qorti f’dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta’ procedura preliminari li ghadha qeghda tistenna l-esitu finali tal-kawza dwar il-mertu.

Fil-provvediment taghha tal-10 ta` Awissu 2012 fir-**Rikors Nru 688/2012**, din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk –

*Qabel xejn ghandu jinghad li dak li din il-Qorti trid tasal ghalih f`din il-procedura m`ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu dwaru. L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma` ezami x`aktarx formali tal-att li tieghu qieghed jintalab it-thassir. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitlub mil-ligi ghall-hrug tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma harigx b`mod abbuziv*

(ara wkoll – Kumm. GMA. 23 ta` Gunju 1994. “**Hili et vs Farrugia noe et**”)

Din il-Qorti (**PA/JRM**) fil-provvediment taghha fir-**Rikors Nru. 336/2005** kienet qalet hekk –

*Wiehed m’ghandu qatt jinsa li f’dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li*

*persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Minn dak li hareg waqt is-smigh tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata ezekutanti ghandha, tajjeb jew hazin, pretensjoni ta` hlas. Min-naha l-ohra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, taghti decizjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qeghda tiddeciedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidhol fihom fi procedura bhal din. Jerga` jinghad hawnhekk li dan l-accertament ma ghandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta` dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid thares bil-hrug tal-Mandat inghata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru.*

Dan premess, din il-Qorti tqis illi fil-kaz tal-lum, l-esekutati qeghdin iressqu t-talba taghhom abbazi –

i) **<u>tal-paragrafu (d)</u>** tal-ewwel subinciz li jaqra hekk –

*jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv* ; u

ii) **<u>tal-paragrafu (f)</u>** li jaqra hekk –

*jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

Jekk il-Qorti twarrab fil-genb ir-ragunijiet li gabu l-esekutati biex jitolbu r-revoka tal-mandat, u tillimita ruhha ghall-konsiderazzjoni tad-dokumenti li kienu annessi mar-rikors promotorju, il-Qorti ssib li tal-inqas fuq bazi ta` *prima facie* it-talba tal-esekutati ghar-revoka tal-mandat hija ben sostnuta. Minn dawk id-dokumenti, johrog car li r-rapport kontrattwali li wassal ghall-hrug tal-mandat ma sarx ma` Darren Darren jew ma` ADJ Swordfish Limited de proprio izda sar ma` ADJ Swordfish Limited <u>bhala mandatarja</u> tal-kumpannija estera Tiuboda Oil Services Ltd.

L-eskutanti kellha l-opportunita` illi twiegeb ghall-istanza tal-esekutati izda ghazlet li ma tipprezentax risposta - ghad illi fost it-talbiet tal-esekutati mhux biss kien hemm dawk relatati mar-revoka tal-mandat, izda dawk fejn kienet rikjesta l-imposizzjoni ta` penali.

Issa fil-kuntest tal-Art 836 tal-Kap 12, l-imposizzjoni ta` penali hija sanzjoni fakoltattiva fejn irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsuba mil-ligi biex tali sanzjoni tigi mposta.

Is-subinciz (8) tal-Art 836 jaqra hekk –

*Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg l-att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju ...*

Erbgha huma l-kazi fejn il-penali tista` tigi mposta. Fil-kaz tal-lum l-ezekutati qeghdin jinvokaw is-subinciz (d) li jaqra hekk –

*jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

Din il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz tal-lum ghandu jkun hemm l-imposizzjoni ta` penali. Il-Qorti kienet rinfaccjata b`dokumenti li tal-inqas *prima facie* isostnu l-istanza tal-esekutati – sahansitra fil-mertu. Eppure l-ghazla ta` l-esekutanti – rinfaccjati mit-talbiet tal-esekutati – tkun li jibqghu siekta.

Att kawtelatorju anke min-nomenklatura tieghu huwa intiz sabiex ihares il-kreditu f'kaz ta' decizjoni favorevoli

ghall-kreditur - skond l-Art 829 tal-Kap 12 "*sabiex iqieghed fiz-zgur il-jeddijiet tal-kreditur*". Izda mhux intiz sabiex ikun mezz fejn issir pressjoni indebita kontra d-debitur sabiex iggieghlu jaccetta t-termini tal-kreditur meta dan ghadu mhux hekk kanonizzat b'decizjoni tal-Qorti. Meta jirrizulta hekk *prima facie* bhal fil-kaz tal-lum l-att kawtelatorju jsir frivolu u vessatorju u ghalhekk min ikun talab il-hrug tal-att ghandu jinkorri penali. Kien proprju ghalhekk li saru l-emendi ghall-Kap 12 fl-1995 u dan sabiex ma jigux presentati mandati kawtelatorji meta ma jezistux l-elementi guridici li jiggustifikawhom. Anke ghalhekk, fil-kaz in esami, din il-Qorti sejra timponi penali skond il-ligi.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tiddeciedi dwar it-talbiet ta` Darren Debono f`ismu propju u ghan-nom u in rapprezentanza ta` ADJ Swordfish Limited (C41310) bil-mod segwenti –**

**Tilqa` l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet.**

**Tilqa` wkoll r-raba` u l-hames talbiet.**

**Ghall-fini tal-hames talba, u bl-applikazzjoni tal-Art 836(8)(d) tal-Kap 12 tordna lill-kumpannija Eleven Eighty Eight Limited (C19763) sabiex thallas penali fl-ammont ta` elf mija u erbgha u sittin Ewro disgha u sittin centezmu (€1164.69) lil Darren Debono f`ismu propju, u penali ohra fl-ammont ta` elf mija u erbgha u sittin Ewro disgha u sittin centezmu (€1164.69) lill-kumpannija ADJ Swordfish Limited (C41310).**

**Tordna lil-kumpannija Eleven Eighty Eight Limited (C19763) sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------